# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 621/01**

**Numru 32**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Raymond Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltija (Lm641) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali, wahda ta' Lm18 u l-ohrajn ta' Lm89 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2001 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal Lm15, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-noti presentati mis-socjeta attrici fis-26 ta' Settembru 2001 kif ukoll illum stess u li bihom l-ammont mitlub fl-avviz gie ridott ghal Lm97 bl-imghax mill-4 ta'Ottubru 2001;

Wara li rat, ukoll, il-kambjalijiet anessi minn fol 1 sa fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk ridotta ta' Lm97.00,0 bl-imghax legali mill-4 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagment effettiv, bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg